TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 183/16/F

**Censina Vella**

**vs**

**Orange Travel Group Ltd.**

Illum 14 ta' Novembru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf, sitt mija u tmienja u tletin ewro (€1,638), rappreżentanti diversi nuqqasijiet li sabet fuq il-cruise.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tad-ditta ntimata li huma rappreżentanti tad-ditta ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ibbukkjat cruise u ħadet lit-tifla tagħha, li hija wheelchair bound, fuq il-cruise fejn ġiet aċċettata illi l-batterija setgħet tiġi iċċarġjata. Li ġara kien illi l-battery tal-wheelchair qatt ma setgħet tiġi iċċarġjata u li l-wheelchair kien tqil ħafna sabiex jinġarr fuq il-vapur, u lanqas setgħu jitilgħu u jinżlu minn fuq il-vapur minħabba l-wheelchair. Illi setgħu jikru wheelchair fuq il-vapur pero' xorta ma setgħux imorru għall-excursions u għalhekk qed jitolbu għad-danni.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi l-problema ma kinitx ġejja mill-vapur imma minn xi adapter jew transformer tal-wheelchair, u *di piu'* l-excursions ma bbukjathomx mas-soċjeta' ntimata direttament.

It-Tribunal, jinnota illi jirriżulta ċar li dan il-wheelchair ma setax jiġi iċċarġjat, u għalkemm il-problema ma setgħetx tiġi identifikat, baqgħu bil-problema tul il-cruise kollu. L-excursions għalkemm ma kinux ibbukjati mas-soċjeta' ntimata, jirriżulta illi ġew imċaħħda li jmorru fuq l-excursions minħabba l-problema tal-wheelchair.

It-Tribunal, iħoss illi jekk ir-rikorrenti kienu nfurmati li setgħu jiċċarġjaw il-wheelchair, u li għalhekk setgħu jibbenefikaw minn kollox li kien offrut fuq il-vapur inkluż l-excursions, ir-rikorrenti ma ħaduhx.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf ewro (€1,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**